**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 58** -It-Tlieta 31 t' Ottubru 2023 fit-3:30pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tlieta 31 t' Ottubru 2023 fit-3:30pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 58.1 Talba

58.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 58.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

58.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 58.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

58.4.1 Ma kienx hemm kommunikazzjoni mportanti x'tingħad.

## 58.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

58.5.1 Il-Kunsilliera ma kellhomx kommunikazzjoni x'jgħaddu.

## 58.6 Korrispondenza

58.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza mportanti li tiġi diskussa.

## 58.7 Milied f'Għajnsielem 2023

58.7.1 Ġie komunikat li l-Ministeru għal Għawdex approvalna s-somma totali ta' €17,000 għall-organizazzjoni tal-14 -il edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

## 58.8 Update dwar il-Programmi Interreg V-A Italia Malta Corallo u AMPPA

58.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma lill-kunsilliera li għall-progett Amppa ngħatajna estenzjoni sa' l-aħħar ta' Novembru 2023.

58.8.2 Is-Sindku nforma li għalqu l-istimi tal-Acrylic Boxes u l-istimi miġbura kienu mingħand:-

- Paul Camilleri ghas-somma totali ta' €4027.74 inkluz il-VAT
- J M Workx ghall-prezz totali ta' €955.80 nkluz il-VAT
- Skyline ghall-prezz totali ta' €1959.98 nkluz il-VAT

58.8.3 Il-Kunsill qabel li l-għażla għandha tmur lejn l-orħos offerta dik ta' J M Workx għall- prezz ta' €955.80.

58.8.4 Sar qbil li għandna noħorġu Call for Quotation taħt il- proġett Amppa għall-Planters bit-tema ħut u sajd biex jitpoggew fil-faċċati tad-djar taċ-ċentru tal-Lokal. Is-Sindku spjega li nħargu wkoll stimi għal AMPPA Monolith Totems. Intbgħatu lill-erba' suppliers iżda rċevejna waħda biss mingħand il-Logografix b'żewg options dik curved għall-prezz ta' €2135.80 nkluż il-VAT u dik mhix curved għall-prezz ta' €1156.40. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-ewwel option dik ta' €2135.80 kif mitlub fl-istima. Il-Kunsill qabel li peress li mhemmx żmien li terġa tintalab stima ġdida u peress li mxejna mal-procurement, għandna napprovaw din l-istima.

58.8.5 Taħt il-proġett Amppa inħarrġu wkoll stimi għall- Wall Cladding u wkoll wara li ntbagħtu lil xi erba' suppliers irċevejna lura waħda biss mingħand il-Logografix għall-prezz ta' €3623.78. Il-Kunsill qabel li peress li mhemmx żmien li terġa tintalab stima ġdida u peress li mxejna mal-procurement, għandna napprovaw din l-istima.

58.8.6 Inħarġu wkoll żewġ stimi għall-esperimentazzjoni tas-sajd u oħra bħala surveying taħt il-proġett Amppa. Dawn il-Call for Quotations ġew ippublikati fuq is-sistema tal-etendering u jagħlqu nhar il-15 ta' Novembru 2023.

58.8.7 Sar qbil ukoll li s-Sindku Kevin Cauchi għandu jattendi għall-iSteering Committe Finali tal-proġett li ser jinżamm f'Favignana nhar il-25 ta'

Novembru. Għalhekk inġabru stimi tal-flights u l-orħos stima kienet dik ta' The Travel Mall (FCM) għall-prezz ta' €110. Il-Kunsill qabel li għandu japprova l-istma u jipproċedi bix-xiri tal-biljett tal-ajru.

## 58.9 Update dwar il-Proġetti

58.9.1 Is-Sindku għamel referenza għall-progetti li għaddejjin bħalissa u li minkejja li jinsabu mexjin, qed insibu ħafna dewmien minn naħa tal-kuntratturi.

## 58.10 Attivita' Vittmi tal-Gwerra

58.10.1 Il-Kunsill qabel li l-attivita' tal-kommemorazzjoni tal-Vittmi tal-Gwerra għandha tinżamm nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru 2023 permezz ta' quddiesa fl-10:00am u wara jsir it-tqegħid ta' kuruni quddiem il-monument tal-gwerra u tqeghid ta' bukkett fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem.

## 58.11 Evalwazzjoni tal-offerti

58.11.1 Wara li għalqet l-offerta ghall-planters taħt il-proġett Amppa, l-offerti mitfugħa kienu mingħand:-

- Care Systems : €5147
- DK JV : € 6748.50
- Xerri Landscaping Ltd : €7890

58.11.2 Il-Kunsill qabel li minkejja li l-offerti mitfugħa huma lkoll kompatibbli, ma jħossx li għandu jawardja l-offerta peress li l-proġett tal-Amppa ser jagħlaq fi żmien ġimgħatejn oħra u jkun f'riskju li l-prodott ma jkunx lest fil-ħin u jintilfu l-fondi.

58.11.3 Ġiet trattata l-offerta għall-fanali ta' Triq J F De Chambray. Il-Bord tal-evalwazzjoni kien kompost mis-Sur William Sultana, l-Avukat Joshua Grech , l-Inginera Lara Agius, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. L-offerti mitfugħa kienu mingħand:-

- Calleja Ltd: €38,000
- Richard Cauchi - €41,280. Il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq Richard Cauchi bħala l-orhos offerta u technically compliant. L-orħos offerta ma kinitx compliant għal din ir-raguni : "Type A light fittings LED model not specified, Beam model and luminous efficiency not specified, bracket dimensions not technically compliant, and no literature for pole submitted. "Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u li d-dwal għandhom jinxtraw mingħand Richard Cauchi għall-prezz ta' €41,280.00.

## 58.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti

58.12.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 126.

## 58.13 Materji oħra

58.13.1 Sar qbil li għall-offerta tat-Tindif tal-Wied ta' Simirat, għandu jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni magħmul mil-Perit Andrew Vella, is-Sur William Sultana, il-Perit Godwin Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

58.13.2 Sar qbil li għall-iskema tal-funtani għandna ninkludu l-matuntenzjoni tal-funtani kollha; dawk ta' Pjazza 10 ta' Dicembru, Pjazza tad-Dehra u l-Għajn tal-Hasselin. Ġie propost li għandna ninkarigaw lis-Sur Norbert Cauchi jkompli jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom hu peress li jaf l-istorja tal-kostuzzjoni u manutenzjoni ta' kull funtana. Is-Sindku Kevin Cauchi astjena minn din id-decizzjoni peress li ddikjara li jista' jkollu konflitt ta' nteress. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel 'agreement' ta' sentejn ghall- manutenzjoni ghal dawn il-funtani.

## 58.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

58.14.1 Il-laqgha ntemmet fis-6:30pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa-15 ta' Novembru 2023 fil-5:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**